31989R0119

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 119/89

tad-19 ta' Jannar 1989

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2514/78 dwar ir-reġistrazzjoni fl-Istati Membri ta' kuntratti għat-tkattir taż-żrieragħ f'pajjiżi mhux membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jwaqqaf the Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament (KEE) Nru 2358/71 tal-Kunsill tas-26 t'Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żrieragħ [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3997/87 [2], u b'mod partikolari Artikoli 3a (4) u 9 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2514/78 [3] jispeċifika l-informazzjoni li l-parti li qed tagħmel il-kuntratt stabbilita fil-Komunita għandha tipprovdi lill-korp responsabbli għar-reġistrazzjoni; billi l-informazzjoni mibgħuta għandha taqbel ma' dik li jkun hemm fil-kuntratt; billi dispożizzjoni espliċita għandha għalhekk issir sabiex il-kuntratt jiġi prodott; billi għal ċerti speċi huwa diffiċli, fid-data mniżżla għar-reġistrazzjoni tal-kuntratti, li wieħed jistabilixxi il-kwantitajiet li x'aktarx ikunu importati fil-Komunità; billi biex tkun permessa stima aktar preċiża ta' żviluppi fis-suq data differenti għandha tiġi stabbilita biex jiġu mgħoddija l-previżjonijiet ta' l-importazjoni; billi biex xi stimi jkunu jistgħu jsiru dwar il-kwantitajiet ta' l-importazzjoni għandha ssir dispożizzjoni għan-notifika taż-żona li għandha tintuża għat-tkattir fil-pajjiż mhux membru;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-Żrieragħ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2514/78 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Għall-għanijiet tar-reġistrazzjoni ta' kuntratti pprovduti f'Artikolu 1, minbarra li dan ta' l-aħħar għandu jiġi provdut lill-parti fil-kuntratt stabbilita fil-Komunità għandha fl-istess ħin tagħti lill-korp imsemmi f'Artikolu 4 almenu dawn id-dettalji li ġejjin:

(a) il-pajjiż li fih it-tkattir taż-żerriegħa għandu jsir;

(b) l-ispeċi u l-varjetà taż-żerriegħa;

(ċ) il-kwantità, l-oriġini u l-kategorija taż-żrieragħ li għandhom jiġu mkattra;

(d) is-snin tal-*marketing* koperti bill-kuntratt, il-medda art li għandha tinżera', il-kwantitajiet stmati li għandhom jiġu importati fil-Komunità u l-perijodi skedati għall-kunsinna."

2. Dan li ġej huwa miżjud ma' Artikolu 5(1):

"Madankollu, għaż-żerriegħa ibrida tal-qamħirrum, it-tagħrif dwar il-kwantitajiet stmati li għandhom jiġu importati fil-Komunità u l-perijodi skedati għall-kunsinna għandhom jiġu notifikati mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-limitu taż-żmien għar-reġistrazzjoni tal-kuntratti."

3. Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull sena mhux aktar tard minn 30 jum wara d-dati finali imniżżla fl-Anness iż-żoni li għandhom jinżergħu u stima tal-kwantitajiet ta' żrieragħ li jirrużultaw mit-tkattir li għandhom jiġu importati fil-Komunità. Il-figuri għandhom jinqasmu skond is-sena tal-*marketing*, l-ispeċji jew il-gruppi ta' varjetajiet kif indikat fl-Anness u l-pajjiż li mhux membru konċernat.

Madankollu, għaż-żerriegħ tal-qamħirrum ibridu, l-kwantitajiet stmati li għandhom jiġu importati fil-Komunita għandhom għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 30 jum wara li jkunu notifikati lill-korp kompetenti għar-reġistrazzjoni."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-publikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1.
[2] ĠU L 377, tal-31.12.1987, p. 36.
[3] ĠU L 301, tat-28.10.1978, p. 10.

Dan ir-Regolament għandu jkun orbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Jannar 1989.

Għall-Kummissjoni
Ray MAC SHARRY
Membru tal-Kummissjoni